MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 102/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carol Attard**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti [detentrici tal-karta tal-identita` numru 86069M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-10 ta' April, 2009 ghall-habta tat-20:00hrs fi Trqi is-Sorijiet iz-Zghar tal-Fqar, Hamrun saqet il-vettura msemmija minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata).

Ghamelt uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-prosekuzjoni talbet li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Frar, 2011 fejn l-ewwel Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi w cioe` l-artikolu 15(a)(a)(3) tal-Kap 65, Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u artikolu 14(1) tal-LN476/2004., sabet lil imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha mill-prosekuzjoni u kkundannatha thallas multa ta’elfejn, mitejn u tlieta u tletin Ewro (€2233). Inoltre orndat ukoll li tkun skwalifikata mil-licenzja taghha tas-sewqan ghall-perjodu ta’ sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnha pprezentat fit-2 ta’ Marzu, 2011 fejn talbet lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull akkzua dedotta kontra taghha.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi sabiex tirnexxi l-akkuza addebitata lill-appellanti trid li tingieb il-prova lil hemm minn kull dubju dettat mir-raguni li effettivament l-esponenti kienet qed issuq. Issa l-PC681 – l-uniku wiehed tal-Pulizija – xhed fl-affidavit minnu mhejji, li huwa ra lill-esponenti tipparkegga l-vettura. Illi l-esponenti ghazlet li tiddeponi u bl-aktar mod konsistenti riteniet li hija mhux veru li kienet qed issuq il-vettura. Hija spjegat kif kienet tghix fil-vicin u marret iggib xi oggettetti meta twaqqfet mill-pulizija li staqsew dwar il-licenzja u assikurazzjoni. Illi l-espoennti tikkontendi b’rispett li f’dan il-kaz il-prova tas-sewqan kien hemm altru milli dubju dwarha u ghalhekk meta tqis id-difiza trid tasal biss sal-grad tal-probabbli, l-Qorti kellha tillibera lill-imputata minn l-akkuzi dedotti kontra taghha ghaliex ma’ giex pruvat sal grad li trid il-ligi jekk kienx qed isir sewqan bil-vettura jew le.

Semgħet ix-xhieda mill-ġdid.

Xehed David Debono, Claims Manager Montalto Insurance Agency Limited. Dan qal li l-Iskoda Favorit BAH-289 kienet inxurjata mill-21 ta' Frar 2008 sad-29 ta' Frar 2008.

Xehed ukoll PV 681 Noel Muscat li nhar l-10 t'April 2009 li qal li kien lemaħ lill-appellanti ssuq il-vettura BAH-289. L-appellanti qaltlu li d-dokumenti ma kinux fuqha u li kienet qed tipparkja. Il-bonnet kien jaħraq. F'idejha kellha biss iċ-ċavetta. Meta marret l-għassa hija qalet li ma kellhiex il-liċenzja u l-assigurazzjoni mħallsin.

Xehed ukoll Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta u qal li l-karozza BAH 289 kienet reġistrata f'isem Carol Attard (ID 86069(M). L-aħħar liċenzja valida skadiet fid-29 ta' Frar 2008.

Fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2012 deher Dr.Jose' Herrera għall-appellanta li assoċja ruħu fil-patroċinju tagħha. Huwa parzjalment iritira l-aggravju tiegħu fuq il-mertu iżda għal dak li jikkonċerna piena huwa stieden il-Qorti bix minflok multa tikkonsidra li tapplika l-provvediment tal-artikolu 28A tal-Kap 9 u naturalment oltre s-sospensjoni tal-liċenzja li hija tassativa.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Ġaladarba d-difiża irtirat l-aggravju dwar il-mertu, is-sentenza dwar il-kundanna mill-Ewwel Qorti għaddiet in ġudikat.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li hija ħaġa gravi li tkun qed issuq mingħajr ma tkun kopert bil-liċenzja u b'assigurazzjoni. Ma jidhrilhiex li għandha tilqa' t-talba tal-appellanti biex tinbidel il-piena u għalhekk qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha, inkluża s-sena sospensjoni minn kull liċenzja tas-sewqan li tibda tgħaddi mil-lum. Minħabba ċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-appellanti, il-Qorti qed tawtorizza lill-appellanti biex tħallas il-multa b'rati ta' €70 kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Il-multa trid tkun tħallset

kollha fi żmien 36 xahar mil-lum. Fin-nuqqas ta' xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk ma titħallasx xi parti mill-multa, din għandha tinbidel fi priġunerija skont il-Liġi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------